MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 991/2004

**The Vintage Company Limited u Marcus u Marion konjugi Marshall.**

**-vs-**

**Equal Company Limited u Frank Scicluna f'ismu proprio.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Dicembru, 2004 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi u l-konvenuti iffirmaw bejniethom konvenju redatt minn Nutar Pierre Attard, fl-24 ta' Novembru 2000, liema konvenju kien debitament estiz sat-30 ta' Novembru 2004,

permezz ta’ liema konvenju s-socjeta’ attrici obbligat ruhha li titrasferixxi b’titolu ta’ permute kif ukoll tirrinunzja ghad-drittijiet kif naxxenti minn dak deskritt bhala “site B” fl-istess konvenju, lil konvenuti, li permezz tal-istess konvenju obbligaw ruhhom jakkwistaw is-sub utile dominju temporanju sas-26 ta’ Settembru 2045 u l-propjeta’ assoluta ghaz-zmien ta’ wara, ta’ bicca strippa ta’ art diviza b’wisa’ ta’ 1.971 metri fuq Forest Street, San Giljan, li ghandha kejl komplessiv din l-istrippa art, diviza ta’ 38.83 metri kwadri, kif ahjar deskritta din l-imsemmija strippa ta’ art fil-pjanta annessa mal-konvenju, dokument “C” u bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess dokument ‘A’.

Illi in kontro kambju l-konvenuti obbligaw ruhhom li jitrasferixxu lis-socjeta’ attrici, ukoll b’titolu ta’ permuta, is-sub utile dominju temporanju sas-26 ta’ Novembru 2045 u l-propjeta’ assoluta sussegwenti, tan-nofs indiviz tal-porzjonijiet divizi tal-garage complex, gewwa Forest Street, San Giljan, fejn is-socjeta konvenuta bniet block ta’ appartamenti u garaxxijiet, liema nofs indiviz tal-porzjonijiet divizi tal-garage complex jestendu mill-entratura tal-blokk fil-livell tat-triq gewwa Forest Street San Giljan l-isfel, u dan sar-raba’ livell tal-garage complex, inkluzi r-rampi u l-passaggi u bil-kundizzjoni illi f’kaz li s-socjeta’ konvenuta testendi aktar l-isfel fil-garage complex, u cioe, sal-hames livel, ir-rampi u l-passaggi fl-istess hames livell ikunu wkoll inkluzi f’dan il-bejgh. Din il-propjeta’ hija ahjar deskritta fl-imsemmi konvenju dokument ‘A’ bhala s-“Servient Property”, u kollox skond il-pjanti annessi mal-konvenju u mmarkati dokumenti ‘B2’ u ‘B3’ u bil-kundizzjonijiet l-ohra kollha imsemmija f’dak il-konvenju.

Illi ghalkemm dan il-konvenju gie estiz bi ftehim diversi drabi, gara li meta wasal biex jiskadi fit-30 ta’ Novembru 2004, il-konvenuti naqsu li jersqu ghat-tigdid tal-istess u fis-26 ta’ Novembru 2004 l-atturi kienu kostretti jipprezentaw ittra ufficjali lil konvenuti, fejn interpellawhom biex jersqu ghal

publikazzjoni tal-att finali ta’ permuta, u dana biex jottempuraw ruhhom mal-ligi.

Illi non ostanti din l-interpellanza, il-konvenuti baqghu la resqu ghal publikazzjoni tal-att finali, u lanqas ma resqu biex igeddu l-konvenju.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Jersqu ghall-publikazzjoni tal-att finali ta’ permuta tal-propjetajiet hawn fuq deskritti, u dana taht dawk il-kundizzjonijiet kollha miftiehma bejn il-kontendenti fil-konvenju tal-24 ta’ Novembru 2000 redatt minn Nutar Pierre Attard, document ‘A’ hawn anness, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop.

2. Tinnomina lin-Nutar Dottor Pierre Attard sabiex jippubblika l-art relattiv fi zmien stipulat minn din l-istess Qorti.

3. Tinnomina kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att ta’ permuta.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Novembru 2004 kontra l-konvenuti jew min minnhom minn issa ngunti ghas subizzjoni u b’rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lil-atturi kontra l-konvenuti emanenti mill-imsemmi konvenju.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta’ l-atturi.

Semghet l-Avukat ta' l-atturi.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Ghall-fini tat-tieni talba tordna li l-att jigi pubblikat fit-28 ta' Lulju, 2005. Ghall-fini tal-ahhar talba tordna bhala kuratur tal-kontumaci lill-Avukat Dottor Frank Testa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------